

Brussell, 22 ta' Lulju 2024  
(OR. en)

12503/24

ENT 140  
MI 717  
COMPET 817  
CHIMIE 56  
AGRI 583  
SAN 460  
DELECT 135

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

|                   |                                                                                                                                                                                                                                                          |
|-------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                                                                |
| data meta waslet: | 18 ta' Lulju 2024                                                                                                                                                                                                                                        |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                                                               |
| Nru dok. Cion:    | C(2024) 4826 final                                                                                                                                                                                                                                       |
| Suġġett:          | REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...<br>ta' 15.7.2024<br>li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kriterji tal-bijodegradabbiltà għall-aġenti tal-kisi u għall-polimeri għaż-żamma tal-ilma |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2024) 4826 final.

Mehmuż: C(2024) 4826 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.7.2024  
C(2024) 4826 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'15.7.2024**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kriterji tal-bijodegradabbiltà għall-aġenti tal-kisi u għall-polimeri għaż-żamma tal-ilma**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Fil-5 ta' Ġunju 2019, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2019/1009 li jistabbilixxi regoli dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE<sup>1</sup>. Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jistabbilixxi obbligu għall-Kummissjoni biex tivvaluta l-kriterji tal-bijodegradabbiltà għal ċerti polimeri li jintużaw fil-prodott fertilizzanti tal-UE għall-kontroll tar-rilaxx tan-nutrijenti (“aġent tal-kisi”) jew għaż-żieda tal-kapaċità taż-żamma tal-ilma jew il-propensità għat-tixrib tal-prodotti (“polimeri għaż-żamma tal-ilma”).

Dan ir-Regolament Delegat jistabbilixxi kriterji ta' bijodegradabbiltà għall-aġenti tal-kisi u għall-polimeri għaż-żamma tal-ilma, abbażi tal-konkluzzjoni ta' studju estern<sup>2</sup>.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

L-Istati Membri ġew ikkonsultati fil-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar il-prodotti fertilizzanti (E01320) skont ir-regoli tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016<sup>3</sup>.

Id-dettalji ta' dawn il-konsultazzjonijiet jinsabu fil-minuti tal-laqgħat li saru fl-24 ta' Ottubru 2022, fit-18-19 ta' April 2023 u fil-15-16 ta' April 2024, kif ukoll fid-diversi dokumenti ta' pożizzjoni tal-partijiet ikkonċernati interessati disponibbli għall-pubbliku fuq il-paġna tas-CIRCABC tal-grupp, mil-link li ġejja:

<https://circabc.europa.eu/ui/group/36ec94c7-575b-44dc-a6e9-4ace02907f2f/library/b8e01334-4d39-445d-bf4e-589356d55b1f>

L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati interessati kienu fil-biċċa l-kbira favur l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament Delegat.

L-abbozz tar-Regolament Delegat ġie ppubblikat għall-feedback fuq il-Portal tar-Regolamentazzjoni Aħjar flimkien ma' erba' abbozzji oħra ta' Regolamenti Delegati. Ġew sottomessi 49 kontribuzzjoni b'kollox.

Erba' partijiet ikkonċernati ħasbu li 48 xahar għall-kisba tal-bijodegradazzjoni kienu twal wisq. Tnejn minnhom kienu tal-fehma li l-kriterji għandhom jiġu allinjati ma' dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006<sup>4</sup>, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2055<sup>5</sup>, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-restrizzjoni REACH fuq il-mikroplastiks

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003, ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1.

<sup>2</sup> Study to assess biodegradability criteria for polymers used in EU fertilising products as coating agents or to increase water retention capacity or wettability and of mulch films. ISBN 978-92-68-05051-7; doi:10.2873/23399.

<sup>3</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

<sup>4</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni, ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

<sup>5</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2055 tal-25 ta' Settembru 2023 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-

mizjudha intenzjonalment. Ma ġiet introdotta l-ebda bidla f'dan ir-Regolament Delegat. L-ewwel nett, l-iskadenza ta' 48 xahar hija stabbilita fir-Regolament (UE) 2019/1009 innifsu. It-tieni, l-aġenti tal-kisi u l-polimeri tal-propensità għat-tixrib huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-restrizzjoni REACH fuq il-mikroplastiks mizjudha intenzjonalment peress li dawn huma polimeri bijodegradabbli bil-mod, li hija proprjetà li taqdi l-funzjoni partikolari tagħhom.

Parti kkonċernata waħda esprimiet tħassib dwar it-temperatura li fiha għandhom jiddegradaw il-polimeri, u spjegat li t-temperatura medja fil-ħamrija f'xi Stati Membri hija ferm inqas mit-temperatura ta' 25 gradi Celsius imsemmija fl-abbozz tal-att delegat. Ma ġiet introdotta l-ebda bidla peress li dik it-temperatura hija rilevanti biss għall-ittestjar fil-kundizzjonijiet tal-laboratorju tal-materjali. L-istudju ta' appoġġ iwwaluta l-imġiba tal-polimeri u sab li dawn għandhom jiddegradaw b'mod bijoloġiku f'diversi tipi ta' ħamrija u kundizzjonijiet klimatiċi tal-UE.

Parti kkonċernata waħda kienet tal-fehma li ma għandu jkun permess l-ebda test aċċellerat. Madankollu, minħabba li t-test f'kundizzjonijiet standard jista' jieħ u sa 4 snin, l-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet aċċellerati tat-test kienet ikkunsidrata xierqa. Din id-dispożizzjoni hija allinjata wkoll ma' dik fir-restrizzjoni REACH fuq il-mikroplastiks mizjudha intenzjonalment.

Parti kkonċernata waħda esprimiet tħassib serju dwar il-kriterji ta' suċċess tal-bijodegradabbiltà fl-ambjenti akkwatiċi. Ma ġiet introdotta l-ebda bidla. Filwaqt li l-metodi ta' ttestjar jistgħu jipproduċu riżultati affidabbli għal massimu ta' 12-il xahar, abbażi tas-sejbiet tal-istudju ta' appoġġ, wieħed jista' jassumi li l-bijodegradazzjoni f'ambjenti akkwatiċi tkompli wara l-perjodu ta' 12-il xahar.

Ġew espressi diversi opinjonijiet fir-rigward tal-ħtieġa li jiġu introdotti rekwiżiti ta' tikkettar dwar l-applikazzjoni ta' prodott fertilizzanti tal-UE li jkun fihom aġenti tal-kisi u polimeri tal-propensità għat-tixrib qrib il-korpi tas-superfiċe tal-ilma. Xi wħud kienu tal-fehma li rekwiżit ta' tikkettar bħal dan mhuwiex meħtieġ peress li ma hemm l-ebda riskju, xi wħud kienu tal-fehma li mhuwiex mod effiċjenti biex jiġi indirizzat ir-riskju tal-lissija tal-polimeri fl-ilma. Abbażi tal-kontribuzzjonijiet li waslu, ir-rekwiżit tat-tikkettar ġie kemxejn rivedut biex jirreferi għar-regoli nazzjonali li jistabbilixxu biċċiet art ta' lqugħ għall-użu tal-fertilizzanti. Jenħtieġ li tiġi indikata biċċa art minima ta' lqugħ fuq it-tikketta, li għandha tiġi osservata f'każ li ma jkunx hemm regoli nazzjonali korrispondenti.

Parti kkonċernata waħda kienet tal-fehma li d-definizzjoni ta' polimeru naturali hija restrittiva wisq. Ma ġiet introdotta l-ebda bidla fl-abbozz peress li l-intenzjoni hija li l-kunċetti jinżammu allinjati mad-definizzjonijiet fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

L-abbozz tar-Regolament Delegat ġie nnotifikat ukoll abbażi tal-Artikolu 2(9)(2) tal-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ u ma wasal l-ebda kumment.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT**

L-att delegat jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (UE) 2019/1009. Il-bażi legali ta' dan l-att delegat huwa l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2019/1009.

---

Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward ta' mikropartikoli ta' polimeri sintetiċi, ĠU L 238, 27.9.2023, p. 67.

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'15.7.2024

**li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kriterji tal-bijodegradabbiltà għall-aġenti tal-kisi u għall-polimeri għaż-żamma tal-ilma**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jistabbilixxi regoli dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti fertilizzanti tal-UE. Skont ir-rekwiżiti għall-Kategorija tal-Materjali Komponenti 9 fl-Anness II ta' dak ir-Regolament, il-prodotti fertilizzanti tal-UE jista' jkun fihom polimeri biex jikkontrollaw ir-rilaxx tan-nutrijenti ("aġenti tal-kisi"), biex iżidu l-kapaċità taż-żamma tal-ilma jew il-propensità għat-tixrib tal-prodott fertilizzanti tal-UE ("polimeri għaż-żamma tal-ilma") jew bħala materjali ta' legatura. L-aġenti tal-kisi jintużaw b'mod partikolari fil-produzzjoni tal-fertilizzanti ta' rilaxx ikkontrollat. L-iskop tagħhom huwa li jirrilaxxaw in-nutrijenti bil-mod u fil-ħin lill-pjanti u għalhekk, inaqqsu l-lissija tan-nutrijenti. L-użu ta' prodotti bħal dawn huwa importanti ħafna biex tintlaħaq il-mira stabbilita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt<sup>2</sup> biex jitnaqqas it-telf tan-nutrijenti b'mill-inqas 50 %, filwaqt li jiġi żgurat li ma jkunx hemm deterjorament fil-fertilità tal-ħamrija. Il-polimeri għaż-żamma tal-ilma jistgħu jintużaw ukoll f'kategoriji oħra ta' prodotti fertilizzanti tal-UE, bħat-tejjieba tal-ħamrija u l-materjali għat-tkabbir. Dawn jikkontribwixxu direttament, fost l-oħrajn, għal użu sostenibbli tal-ilma fl-agrikoltura. Il-materjali ta' legatura bbażati fuq il-polimeri jistgħu jintużaw fil-materjali għat-tkabbir. Prodotti bħal dawn ma għandhomx jintużaw f'kuntatt mal-ħamrija.
- (2) Il-preżenza, kullimkien, ta' frammenti żgħar ta' polimeri naturali sintetiċi jew modifikati kimikament, li huma insolubbli fl-ilma, jiddegradaw bil-mod ħafna u jistgħu jiġu iġestiti faċilment minn organiżmi ħajjin, tqajjem tħassib dwar l-impatt ġenerali tagħhom fuq l-ambjent u, potenzjalment, fuq is-saħħa tal-bniedem. Dan huwa partikolarment validu għall-polimeri miżjuda intenzjonalment mal-prodotti fertilizzanti tal-UE li sussegwentement jiġu rilaxxati fl-ambjent. Biex tindirizza dan it-

<sup>1</sup> ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oj>.

<sup>2</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" (COM(2020)381 final tal-20 ta' Mejju 2020).

tħassib ġenerali, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (UE) 2023/2055<sup>3</sup> li jintroduċi restrizzjoni ġenerali fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> għall-introduzzjoni fis-suq ta' mikropartikoli ta' polimeri sintetiċi. Xi tipi ta' polimeri (bħal polimeri naturali mhux modifikati kimikament) u polimeri li jissodisfaw kriterji speċifiċi ta' bijodegradabbiltà jew solubbiltà mhumieks ikkonċernati mir-restrizzjoni ġenerali u jistgħu jibqgħu jiġu introdotti fis-suq.

Ir-Regolament (UE) 2019/1009 jistabbilixxi obbligu għall-Kummissjoni biex sas-16 ta' Lulju 2024 tivvaluta l-kriterji ta' bijodegradabbiltà għall-aġenti tal-kisi u għall-polimeri għaż-żamma tal-ilma użati bħala materjali komponenti fil-prodotti fertilizzanti tal-UE. Għalhekk, il-prodotti fertilizzanti tal-UE huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dik ir-restrizzjoni ġenerali fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

Bl-appoġġ ta' studju estern, il-Kummissjoni vvalutat il-kriterji ta' bijodegradabbiltà għall-aġenti tal-kisi u għall-polimeri għaż-żamma tal-ilma u l-metodi ta' ttestjar għall-verifika tal-konformità ma' daww il-kriterji ("l-istudju")<sup>5</sup>.

- (3) L-istudju bena għodda li tbassar l-imġiba tal-bijodegradabbiltà tal-polimeri bl-użu ta' mudell matematiku u turi l-korrelazzjoni bejn il-bijodegradabbiltà fil-kundizzjonijiet tat-test u fl-ambjenti naturali rappreżentattivi tar-reġjuni differenti tal-Unjoni. Għalhekk, l-istudju vvaluta diversi fatturi bħat-temperatura tal-ħamrija, il-pH tal-ħamrija, il-kontenut ta' ilma fil-ħamrija, it-temperatura tal-ilma u fatturi oħra marbuta mal-karatteristiċi tal-polimeri (struttura kimika, kristallinità, superfiċe u ħxuna). L-istudju ressaq proposti dwar il-kriterji tal-bijodegradabbiltà fil-ħamrija u fl-ilma.
- (4) Il-kriterji tal-bijodegradabbiltà jenħtieġ li jiġu stabbiliti kemm għall-ambjent tal-ħamrija (il-kompartiment ewlieni, fejn jiġu applikati l-prodotti) kif ukoll għall-ambjent akkwatiku (fil-każ ta' lissija jew preżenza aċċidentali oħra fil-korpi tal-ilma tas-superfiċe).

Fir-rigward tal-bijodegradazzjoni fil-ħamrija, jenħtieġ li l-polimeri li jistgħu jilhqgħu d-degradazzjoni jew il-mineralizzazzjoni aħħarija f'żmien 48 xahar wara l-perjodu ta' funzjonalità biss jiġu permessi bħala materjali komponenti. Sabiex jitnaqqas il-perjodu tal-ittestjar, jenħtieġ li jiġi permess metodu ta' ttestjar aċċellerat. L-istudju wera korrelazzjoni adegwata bejn il-kundizzjonijiet tal-ħajja reali u t-temperaturi ogħla minn 25 °C li hija t-temperatura użata fil-kundizzjonijiet tal-ittestjar. L-ittestjar f'temperatura ogħla bħal pereżempju 37 °C jaċċellera l-bijodegradazzjoni, filwaqt li dan l-ittestjar għadu meqjus aċċettabbli f'termini ta' mikrobijoloġija u fatturi dipendenti fuq l-ambjent. Ir-risultati miksuba mill-għodda tal-ħamrija żviluppata fl-istudju wrew li l-perjodu tal-ittestjar jista' jitnaqqas f'każijiet

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2055 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward ta' mikropartikoli ta' polimeri sintetiċi (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 67, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2055/oj>).

<sup>4</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/2014-04-10>).

<sup>5</sup> Study to assess biodegradability criteria for polymers used in EU fertilising products as coating agents or to increase water retention capacity or wettability and of mulch films, ISBN 978-92-68-05051-7; doi:10.2873/23399.

speċifiċi. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi introdott ittestjar aċċellerat f'temperatura ta' 37 °C f'kundizzjonijiet speċifiċi bħala għażla alternattiva biex tintwera d-degradazzjoni jew il-mineralizzazzjoni aħħarija ta' 90 %.

- (5) Il-kriterji tal-bijodegradabbiltà għall-ambjenti akkwatiċi jenħtieġ li jqisu kemm il-funzjoni tal-polimeru kif ukoll il-metodu ta' ttestjar disponibbli. Dwar il-funzjoni tal-polimeru, l-aġenti tal-kisi jew il-polimeri li jżidu ż-żamma tal-ilma għandhom jirrillaxxaw nutrijenti fil-ħamrija bil-mod jew iżidu ż-żamma tal-ilma, għal medja ta' 6-9 xhur. Għalhekk, daww il-polimeri huma ddisinjati biex jiddegradaw bil-mod meta jiġu esposti għal diversi fatturi fil-ħamrija, bħall-ilma. Il-bijodegradazzjoni fil-ħamrija, li inevitabbilment isseħħ matul dak il-perjodu ta' funzjonalità, jenħtieġ li tkun limitata sabiex il-polimeru xorta jkun jista' jissodisfa l-funzjoni tiegħu. Fir-rigward tal-metodi ta' ttestjar disponibbli għall-bijodegradabbiltà fl-ilma, dawn huma affidabbli matul perjodu ta' 12-il xahar. Għalhekk, kriterji stretti għall-ambjent akkwatiku kif stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2023/2055 jaffettwaw b'mod negattiv il-funzjoni primarja tal-aġenti tal-kisi bijodegradabbli fil-ħamrija u tal-polimeri għaż-żamma tal-ilma. Għalhekk, jenħtieġ li l-bijodegradabbiltà fl-ambjenti akkwatiċi tiġi stabbilita f'livell aktar baxx matul il-perjodu tal-ittestjar iżda xorta għolja biżżejjed biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm akkumulazzjoni ta' polimeri fl-ambjenti akkwatiċi. Huwa preżunt li l-proċess ta' bijodegradazzjoni jkompli wara l-perjodu tal-ittestjar ta' 12-il xahar u jilħaq id-90 % fi żmien 48 xahar wara l-perjodu ta' funzjonalità. Filwaqt li dik id-degradazzjoni aħħarija ma tistax tiġi ppruvata bil-metodi ta' ttestjar eżistenti, xorta hija suppożizzjoni sikura peress li l-materjal diġà wera potenzjal ta' bijodegradazzjoni u se jkompli jkun espost għall-istess fatturi ambjentali.
- (6) F'kundizzjonijiet tal-ħajja reali, l-aġenti tal-kisi u l-polimeri għaż-żamma tal-ilma jinsabu fil-prodotti fertilizzanti tal-UE li għandhom jiġu applikati fil-ħamrija. Mhux suppost li jilhq u l-ambjenti akkwatiċi. Filwaqt li l-lissija ma tistax tiġi totalment eskluża, ir-riskji potenzjali għall-ambjent akkwatiku jitnaqqsu minħabba li l-polimeri kkonċernati jilhq u l-korpi tal-ilma biss wara li jkun diġà bdew id-degradazzjoni tagħhom fil-ħamrija. Sabiex jiġu limitati aktar ir-riskji potenzjali, jenħtieġ li jiġi stabbilit rekwiżit tat-tikkettar, li jwissi lill-utenti finali biex ma jużawx il-prodott qrib il-korpi tal-ilma tas-superfiċe u biex iżommu biċċiet art ta' lqugħ, f'konformità mal-miżuri nazzjonali dwar l-użu tal-fertilizzanti. Fin-nuqqas ta' regoli bħal dawn, jenħtieġ li tiġi osservata biċċa art minima ta' lqugħ ta' 3 m.
- (7) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ugwali għall-kompetizzjoni u f'konformità mar-rekwiżiti għall-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 42(6) tar-Regolament (UE) 2019/1009, jenħtieġ li jiġu elenkati l-metodi ta' ttestjar għall-prova tal-konformità mal-kriterji tal-bijodegradabbiltà. Tali metodi ta' ttestjar huma stabbiliti fi standards Ewropej jew internazzjonali u għalhekk huma affidabbli u riproduċibbli.
- (8) Fir-rigward tal-polimeri użati bħala materjali ta' legatura, il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni dwar l-użu ta' polimeri bijodegradabbli bħala materjali ta' legatura. Jekk tali polimeri jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti għall-polimeri li jappartjenu għas-CMC 1, ma jqajmux tħassib ambjentali u r-rekwiżiti speċifiċi tat-tikkettar dwar l-użu u r-rimi tal-prodotti fertilizzanti tal-UE li fihom polimeri bħal dawn mhumiex ġustifikati u jenħtieġ li ma japplikawx.
- (9) Ir-Regolament (UE) 2023/2055 għandu jibda japplika għall-prodotti fertilizzanti nazzjonali mis-17 ta' Ottubru 2028. Għal raġunijiet ta' koerenza u sabiex ikun hemm biżżejjed żmien biex wieħed jadatta għar-rekwiżiti introdotti b'dan ir-Regolament dwar il-bijodegradabbiltà tal-polimeri, jenħtieġ li japplika l-istess perjodu tranżitorju.

## ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) 2019/1009 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;
- (2) l-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Anness I u l-punt 1 tal-Anness II għandhom japplikaw mis-17 ta' Ottubru 2028.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15.7.2024

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

*Ursula VON DER LEYEN*